



## KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



# RAPPORT ANNWALI 2018

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Aktar dettalji dwar il-KEPD jinstabu fuq is-sit web tagħna fuq <http://www.edps.europa.eu>.

Is-sit web jagħti wkoll dettalji dwar karatteristika ta' **abbonament** fil-bullettin tagħna.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© Ritratti: iStockphoto/EDPS & European Union

© L-Unjoni Ewropea, 2019

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Print	ISBN 978-92-9242-410-7	ISSN	doi:10.2804/70491	QT-AB-19-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9242-294-3	ISSN 1831-0567	doi:10.2804/845648	QT-AB-19-001-MT-N



RAPPORT  
ANNWALI  
2018

SOMMARJU EŻEKUTTIV

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

.....



# Introduzzjoni

L-2018 wriet is-setgħa u l-limitazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data.

Sentejn wara l-adozzjoni tiegħu, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) sar applikabbli b'mod shiħi fil-25 ta' Mejju 2018.

In-nies indunaw b'dan għaliex ġew ibbumbardjati b'ittri elettroniċi ta' identikit, kull waħda tinfurmahom bi strateġija aġġornata ta' privatezza u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, intalbu li jaċċettawha sabiex ikomplu jużaw is-servizz. S'issa, aktar milli jadattaw il-mod ta' kif jaħdmu biex jipprotegħu aħjar l-interessi ta' dawk li jużaw is-servizzi tagħhom, il-kumpaniji jidhru li qed jittrattaw il-GDPR aktar bħala taħbila legali, sabiex jippreżervaw il-mod tagħhom stess ta' kif jagħmlu l-affarijiet.

Madankollu, għandna nistennew li dan se jinbidel fis-sena li ġejja.

L-ikbar theddida għal-libertà u d-dinjità tal-individwu tirriżulta mill-poter ta' informazzjoni eċċessiva ta' ċerti kumpaniji, jew kontrolluri, u l-ekosistema usa' u inkompressibbli ta' insegwituri, profilaturi u oħrajn li huma kapaċi jiġbru u jużaw din l-informazzjoni.

Tliet xhur biss qabel ma l-GDPR sar infurzabbli b'mod shiħi, l-abbuż tad-data personali sar aħbar ewlenija u s-suġġett ta' investigazzjonijiet uffiċċiali, mhux biss fil-Parlament Ewropew, iżda wkoll fil-bliet kapitali nazzjonali, minn Washington DC sa' Londra sa' Delhi. Dawk li jfasslu l-politika pubblika issa huma ferm aktar konxji minn u attennti għat-thedda li qed toħloq is-sitwazzjoni preżenti, mhux biss għal-libertà tal-konsumaturi fl-ambjent tal-Kummerċ elettroniku, iżda anki għad-demokrazija nnifisha.

Is-sistema kollha hija suxxettibbli, mhux biss għal ksur, iżda anke għal manipulazzjoni minn atturi b'aġendi politiċi li għandhom l-għan li jimminaw il-fiduċja u l-koeżjoni tas-soċjetà. It-test ta' prova ta' kemm hi tassew b'saħħiha s-sistema legali tal-UE ser tkun l-integrità tal-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2019.

Infurzar koerenti tar-regoli kollha, inkluża l-protezzjoni tad-data, biex jiġi evitat u kkastigat l-indħil illegali matul l-elezzjonijiet, sejkun ta' importanza kbira. Għalhekk, aħna jiddispjaċina ħafna għad-dewmien fl-adozzjoni ta' regoli aġġornati dwar il-Privatezza elettronika. Mingħajr dawn ir-regoli aġġornati biex jiżguraw ir-rispett għall-informazzjoni l-aktar intima u sensitiva u l-komunikazzjonijiet privati, il-kumpaniji u l-individwi jibqgħu esposti u vulnerabbli, soġġetti għal taħlita ta' li ġiġi u inċertezza legali li jonqsu milli jipprovdulna kontroll fuq l-identità digħi tagħna nfusna.

Madankollu, l-aġenda tal-UE għar-riforma tal-protezzjoni tad-data kisbet rebħa kbira ħafna qabel tmiem is-sena. Fil-11 ta' Diċembru 2018, id-dħul fis-seħħi tal-GDPR għall-istituzzjonijiet tal-UE żgura li kull wieħed mis-66 istituzzjoni u korp tal-UE li aħna nissorveljaw, kif ukoll il-KEPD innifsu, issa huma soġġetti għall-istess rigorożità bħal kontrolluri taħt il-GDPR.

Wara sentejn ta' preparazzjoni intensiva, li matulhom ħdimna f'koperazzjoni mill-qrib mhux biss mal-kontropartijiet tagħħna tal-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet, iżda wkoll mal-ogħla maniġment u impiegati oħrajn tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE issa jistgħu jmexxu bl-eżempju fl-implementazzjoni tagħhom ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Fil-Konferenza Internazzjonalni tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Kummissarji tal-Privatezza f'Ottubru, kellna l-unur li nuru l-impenn tal-UE għall-etika u d-dinjità tal-bniedem. L-awtoritajiet dinija tal-protezzjoni tad-data wittew it-triq fl-iskrutinju tal-impatt tal-bniedem tal-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li ġabha straordinarjament rikka u diversa ta' vuċċijiet mid-dinja kollha Itaqgħu fis-sessjoni pubblika tal-konferenza biex jiddiskut kif it-teknoloġija qed tisfrattalna ħajnejta u biex jappellaw għal kunsens ġdid dwar dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin fl-ispażju digħi. Ser inkomplu niffaċċilitaw din il-konverżazzjoni fis-sena 2019 u lil hinn.


Fuq skala globali, il-protezzjoni tad-data tkompli turi l-importanza ġeostrateġika tagħha. Aħna dan narawh fid-dibattitu kontinwu dwar it-Tarka tal-Privatezza u d-deċiżjoni imminenti (reċiproka) dwar *l-adegwatezza tas-salvagwardji* tal-protezzjoni tad-data fil-Ġappun. Narawha wkoll fl-importanza mogħtija lill-protezzjoni tad-data fil-komunità tal-infurzar tal-liġi. Ir-rwol tagħna bħala regolatur prattiku tal-Aġenzijsa Ewropea tal-Pulizija, l-Europol, issa huwa stabbilit sew, filwaqt li fi tmiem tal-2019 se nieħdu rwol simili għall-unità ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE, l-Eurojust.

Il-Bord Ewropew il-ġdid għall-Protezzjoni tad-Data (BEPD), li beda jaħdem fil-25 ta' Mejju 2018, qed jiffaċċja sfida enorbi biex jagħti prova li 29 awtoritā indipendenti jistgħu jaġixxu bħala entità waħda, filwaqt li jirrispettaw l-approċċi u l-metodi ta' xulxin iż-żda jersqu flimkien lejn kultura Ewropea ta' infurzar kredibbli b'mod rikonoxxibbli u affidabbi. Ninsabu ferm-kuntenti li s-segretarjat ipprovdut mill-KEPD kien għal kollox funzjonali mill-ewwel ġurnata tal-GDPR u se nkomplu nippovdu appoġġ fejn nistgħu.

Wojciech u jien issa qiegħdin fl-aħħar sena tal-mandat tagħna. F'Marzu 2015, ippubblikajna Strateġija li tistabbilixxi l-viżjoni, l-objettivi u l-punti ta' azzjoni tagħna għas-snin li ġejjin. Fix-xhur li ġejjin, sejrin nippubblikaw rieżami tal-isforzi tagħna fir-rigward tal-istrateġija, billi niżguraw li ninżammu responsabbi mill-miri li stabbilixxejna fl-2015.



**Giovanni Buttarelli**  
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni  
tad-Data



**Wojciech Wiewiórowski**  
Assistent Kontrollur

# 2018- Ħarsa Ġenerali



@EU\_EDPS

#EDPS strategy envisions #EU as a whole not any single institution, becoming a beacon and leader in debates that are inspiring at global level

Fl-Istrateġija tal-KEPD 2015-2019, niddeskrivu l-viżjoni tagħna ta' UE li tmexxi bl-eżempju fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data fl-era diġitali. Stabbilixxejna għalina nfusna aġenda ambizzjuża u ta' sfida, li aħna fittixna li nwettqu matul il-mandat attwali.

Għamilna passi kbar lejn I-ilħuq ta' dawn l-għanijiet fl-2018, sena li tista' titqies bħala pivotali kemm fl-istorja tal-protezzjoni tad-data kif ukoll f'dik tal-KEPD.

## Leġiżlazzjoni ġdida għal era ġdida

Wieħed mit-tliet objekti stabbiliti fl-Istrateġija tagħna kien li niftu kapitolu ġdid għall-protezzjoni tad-data tal-UE. L-iżvilupp teknoloġiku miexi b'pass mgħażżeq u l-mod ta' kif ngħixu, bħala individwi u bħala soċjetà, qed jinbidel ukoll malajr sabiex jakkomoda dan. B'mod loġiku, ir-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE kienu jeħtieġ wkoll aġġornament, mhux immirat li jnaqqas l-innovazzjoni, iżda li jiġura li d-drittijiet fundamentali tal-individwi huma prottetti fl-era diġitali.

Fil-25 ta' Mejju 2018, leġiżlazzjoni ġdida dwar il-protezzjoni tad-data saret applikabbli bis-sħiħ għall-kumpanji u l-organizzazzjonijiet kollha li qed joperaw fl-Istati Membri tal-UE. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) immarka l-ewwel pass lejn I-iżgurar ta' protezzjoni komprezziva u effettiva ta' data personali u privatezza għall-individwi kollha fl-UE.

B'din il-leġiżlazzjoni l-ġdida ġie stabbilit il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB). Dan il-korp ġdid, magħmul mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data (DPAs) tat-28 Stat Membru tal-UE

u mill-EDPS, huwa fdat li jiġura l-implementazzjoni konsistenti tal-GDPR fl-UE kollha. Inkariġati biex nippovdu lis-segretarjat b'dan il-korp tal-UE l-ġdid, iddedikajna ammont sinifikanti mill-ħin u l-isforz tagħna kmieni fl-2018 biex niżguraw li l-Bord ikun ippreparat sabiex ilaħħaq mal-piż eċċessiv tax-xogħol tiegħu mill-ewwel jum tar-Regolament il-ġdid. Komplejnejha nappoġġaw lis-segretarjat tal-EDBP b'mod amministrattiv matul is-sena, kif ukoll ipparteċipajna b'mod sħiħ bħala membru fil-Bord innifsu.



@EU\_EDPS

Memorandum of Understanding signed between European Data Protection Board (EDPB) & European Data Protection Supervisor (EDPS) during 1st EDPB plenary meeting today outlining way in which EDPB and EDPS will cooperate @Buttarelli\_G & Andrea Jelinek #GDPRDay <https://t.co/piKtWb5Yys>

Imxejna saħansitra pass ieħor eqreb lejn I-ilħuq ta' qafas komprezziv għall-protezzjoni tad-data bl-adozzjoni ta' regoli ġoddha għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Ir-Regolament 2018/1725 daħal fis-seħħi fil-11 ta' Diċembru 2018, biex b'hekk ir-regoli għall-istituzzjonijiet tal-UE saru konformi mar-regoli stabbiliti fil-GDPR.

Bħala l-awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, sibna ma' wiċċna l-isfida sinifikanti li niżguraw li dawn kienu kollha ppreparati għal dawn ir-regoli l-ġoddha. Fl-2017, għamilna kampanja ta' żżarat, sessjonijiet ta' taħriġ u laqgħat (ara Ta°rig tal-KEPD 2018), li intensifikat matul l-2018. Dawn kellhom l-għan li jqajmu sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli l-ġoddha u li jgħinu biex jiġuraw li l-istituzzjonijiet tal-UE kellhom l-għarfien u l-ġħodod biex jimplimentawhom.



@EU\_EDPS

Regulation 2018/1725 on protection of natural persons w/ regard to processing of **#personaldata** by **#EUInstitutions**, bodies, offices & agencies enters into force today, bringing **#dataprotection** rules for **#EUI** in line w/ standards imposed by **#GDPR**  
<https://europa.eu/!Kx84fu> #GDPRforEUI

Fokus speċifiku ta' dawn l-attivitàajiet kien li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' kultura ta' **responsabbiltà** fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Ridna niżguraw li dawn mhux biss ikunu konformi mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, iżda li jistgħu juru din il-konformità. Integrali għal kien il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni li l-ipproċessar tad-data personali, anke jekk isir legalment, jista' jpoġġi f'riskju d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Dawn l-attivitàajiet se jkomplu matul l-2019, hekk kif nagħmlu ħilitna biex niżguraw li l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu minn ta' quddiem fl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda tal-protezzjoni tad-data.

L-użu ġażin tad-data personali għall-finjiet ta' intraċċar jew ħolqien ta' profili u r-rwol tat-teknoloġija fis-soċjetà tagħna kienet tema ta' dibattit pubbliku sinifikanti fl-2018. Il-KEPD u l-komunità tal-protezzjoni tad-data b'mod ġenerali kienu minn ta' quddiem f'dan id-dibattit, bil-KEPD jikkontribwixxi fuq żewġ fronti ewlenin: permezz tal-**Opinjoni** tagħna dwar il-manipulazzjoni online u d-data personali u l-**Opinjoni** tagħna dwar il-Privatezza mid-Disinn.

Filwaqt li tal-ewwel tiffoka fuq il-ħtieġa li jiġi estiż l-ambitu ta' protezzjoni mogħiġi lill-interessi tal-individwi fis-soċjetà diġitali tal-lum, dik tal-aħħar tħares li tindirizza l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi u legali. Legalment, il-ħolqien ġdid ta' regoli tal-protezzjoni tad-data stipulati fil-GDPR, id-Direttiva 2016/680 u r-Regolament 2018/1725 dwar l-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet tal-UE, jeħtieġ li l-kontrolluri jqisu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-miżuri tekniċi u organizzattivi biex jimplimentaw il-prinċipji u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data. Dan jeħtieġ ukoll li l-awtoritatijiet superviżorji jkunu konxji tal-ogħla livell f'dan il-qasam u li dawn isegwu l-iżvilupp tiegħu. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam hija ta' importanza kruċjali sabiex ikun żgurat li dawn il-prinċipji jiġi applikati b'mod konsistenti. L-Opinjoni bniet ukoll fuq il-ħidma tagħna man-**Netwerk tal-Inġinerijsa**

**tal-Privatezza tal-Internet** (IPEN) sabiex tħeġġeġ id-djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika, ir-regolaturi, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili dwar kif teknoloġiji ġodda jistgħu jiftasslu sabiex jibbenifikaw lill-individwu u lis-soċjetà.

Ir-regoli l-ġodda tal-protezzjoni tad-data jintroduċu wkoll il-prinċipju tar-responsabilità. Il-kontrolluri kollha, inklużi l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, għandhom jiżguraw li huma kapaċi juru konformità mar-regoli l-ġodda. Dan japplika wkoll għall-ġestjoni u l-governanza tal-infrastruttura u s-sistemi tal-IT tagħhom. Sabiex ngħinu f'dan, aħna wessajna l-katalogu ta' linji gwida spċifici tagħna sabiex, fost l-oħrajn, ninkludu **Linji gwida dwar l-użu tas-servizzi tal-cloud computing** mill-amministrazzjoni tal-UE u **gwida ulterjuri dwar il-ġestjoni tal-IT u dwar il-governanza tal-IT**. Fl-2018, bdejna programm sistematiku bl-ġhan li jivverifika l-konformità tal-korpi tal-UE mal-linji gwida tal-KEPD.

### Is-sejba ta' bilanċ bejn is-sigurtà u l-privatezza

L-1 ta' Mejju 2018 fakkar l-ewwel sena minn meta l-KEPD ħa r-responsabbiltà f'idejh tas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data personali għal attivitajiet operattivi fl-aġenzija tal-UE dwar l-infurzar tal-liġi, l-Europol. Wieħed mill-punti ta' azzjoni stabbilit fl-Istrateġja tagħna bħala parti integrali mill-ftuħ ta' kapitolu ġdid għall-protezzjoni tad-data fl-UE huwa l-promozzjoni ta' konversazzjoni matura dwar is-sigurtà u l-privatezza. Bħala aġenzja tal-UE inkarigata biex tiżgura s-sigurtà tal-UE filwaqt li tipproteġi d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, l-Europol hija eżempju tajjeb tal-progress li qeqħdin nagħmlu f'dan il-qasam.



@EU\_EDPS

1.5 year of very fruitful & sincere cooperation: **#EDPS** supervision of **@Europol** aiming to ensure that **#Europol** as **#controller** embeds **#dataprotection** in all operations under their responsibility **#accountability** **@W\_Wiewiorowski** at the Joint Parliamentary Scrutiny Group on Europol

# Taħriġ tal-KEPD

# 2018



## Brussell - 31 ta' Janna

Aħna bdejna s-sena billi ma morniex wisq 'il bogħod minn darna peress li pprovdejnejna kors ta' taħriġ lill-Ombudsman Ewropew fi Brussell (disponibbli wkoll għall-impiegati tal-Ombudsman fi Strasburgu permezz ta' link b'vidjo). Għall-kors attendew il-Kapijiet tal-Unitajiet u tas-Setturi, kif ukoll membri tal-personal oħra rilevanti.

## Brussell - 16 ta' Frar (u aktar)

Aħna tajna taħriġ ta' sagħtejn lill-maniżers tal-UE fl-Iskola tal-Unjoni Ewropaea tal-Amministraturi (EUSA). Dir ma kinitx ta' darba biss - aħna rritornajna lejn I-EUSA f'sitt okkażjonijiet oħra matul is-sena. Bis-saħħa tat-taħriġ tagħna, il-personal tal-EUSA issa jinsab f'pożizzjoni aktar b'saħħiha biex jinnejgoja r-Regolament il-ġdid 2018/1725.

## Lisbona - 25 ta' Mejju

Fil-25 ta' Mejju, iċċelebrajna d-dħul fis-seħħi tal-GDPR mal-kolleġi mill-Àġenċija Ewropaea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) billi organizazzjona avveniment ta' taħriġ biex jitħejew għat-tranżizzjoni lejn ir-Regolament il-ġidid.

## Brussell - 7 ta' Ġunju

Hekk kif is-sajf beda dieħel ġmielu, aħna erhejniha lejn Avenue de Beaulieu fi Brussell biex nippordu taħriġ dwar l-impenji ġoddha relatati mal-protezzjoni tad-data għall-impiegati li jaħdmu fid-DG CLIMA, DG MOVE u kollegi oħra interessati.

## Maastricht - 26 ta' Ġunju

Fis-26 ta' Ġunju, u għal darboħra fit-3 ta'Diċembru, il-Kap tal-Ispezzjonijiet fil-KEPD ivvjaġġa lejn Maastricht biex jaġhti preżentazzjoni lill-parteċipanti taċ-Ċertifikazzjoni għall-Protezzjoni tad-Data tal-EIPA. It-taħħita li damet sagħtejn kienet intitolata "is-superviżjoni tal-konformità mal-protezzjoni tad-data: ir-rwl tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data".



## Lussemburgu - 30-31 ta' Jannar

Kollegi oħra tal-KEPD imxew pass żgħir 'il quddiem minna, billi pprovdev taħriġ ta' jumejn lil dawk li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-UE bbaż-żejt fil-Lussemburgu. Ħadu sehem aktar minn 200 mistieden. Waqt li konna hemmhekk, tajna sessjoni ta' taħriġ fir-rigward tal-maniżement ta' livell għoli lil rappreżentanti mill-Parlament Ewropew, mill-Kummissjoni, mill-QĠUE, mill-QEA, mill-BEI, mis-CDT, mill-EIF u mis-CHAFA.

## Ateni - 1-2 ta' Marzu

Dan l-avveniment ta' taħriġ li dam jumejn, ipprovdut lill-personal li jaħdem fl-ENISA u fis-CEDEFOP, kien opportunità siewja biex jiġu affermati mill-ġdid l-obbligi attwali tal-protezzjoni tad-data u jiġu introdotti obbligli ġoddha skont ir-Regolament rivedut. Aħna nedejna wkoll studju tal-każ dware il-ġestjoni tal-avvenimenti li tant wera li huwa utli li reġa' ntuża f'sessjoniċi ta' taħriġ oħra matul is-sena.

## Brussell - 29 ta' Mejju

Erbat ijiem biss wara d-dħul fis-seħħi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), il-KEPD laqa' t-23 Ufficial tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) u l-assistenti UPD li nhätru reċentement mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE għal kors ta' taħriġ dwar il-protezzjoni effettiva tad-data personali fir-rwl il-ġidid tagħhom. It-tieni avveniment simili ta' taħriġ għall-UPD kien se jsir fl-10 ta' Diċembru

## Brussell - 14 ta' Ġunju

Aħna ppreżentajna webinar quddiem l-Uffiċju tal-Pubblikkazzjoni tal-UE u persunal tal-EUI ieħor li jaħdem fil-pubblikkazzjoni, fil-komunikazzjoni, fil-midja soċjali u fit-timijiet tal-web. Madankollu, il-ħidma tagħna ma waqfitx hemmhekk. Fl-istess ġurnata, organizazzjona avveniment ta' taħriġ għas-Servizz tal-Unjoni Ewropaea għall-Azzjoni Esterna (SEAE).





## Lussemburgu - 1-2 ta' Ottubru

Fuq stedina tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE), irritornajna lejn il-Lussemburgu biex nagħtu taħriġ dwar ir-Regolament il-ġdid. Attendew aktar minn 400 mistiedien, li kienu ġejjin minn għadd ta' istituzzjonijiet differenti tal-UE.



## Stokkolma - 18 ta' Settembru

Aħna tajna sessjoni ta' taħriġ fil-laqgħa annwali tan-netwerk tal-maniżers tal-web mill-aġenzi u mill-korp tal-UE. Din kienet opportunità mill-aqua biex ninteraqixxu direttament mal-uffiċċiali tal-komunikazzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data.



## Brussell - 7 ta' Novembru

Aħna organizzajna avveniment ta' taħriġ dwar il-protezzjoni tad-data għad-DG FISMA, id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbi għall-politika tal-UE dwar is-settur bankarju u l-finanzi, billi kopernejha l-kunċetti bażiċi tal-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u studju tal-każ dwejri il-ġestjoni tal-avvenimenti.



## Brussell - 20 ta' Novembru

Ġurnata biss qabel ma ġie ppubblikat ir-Regolament (UE) 2018/1725, ġie organizzat l-aħħar taħriġ tal-2018 għall-persunal tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.



## Pariġi - 26 ta' Novembru

Hekk kif is-sena kalendarja kienet waslet biex tintemmin, il-KEPD ivvjaġġa lejn Pariġi għal Żjara ta' Konformità fl-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-İstudi fuq is-Sigurtà. It-tim tas-S&E ta taħriġ dwar ir-Regolament il-ġdid filwaqt li kien hemm ukoll il-preżenza tal-Assistent Superviżur Wojciech Wiewiórowski.



## Brussell - 23 ta' Ottubru

Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE kkooperaw ma' xulxin permezz tan-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK). F'Ottubru, aħna żorma lid-DG COMP biex niggwidaw in-NEK dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data fl-investigazzjoni u l-ispezzjoni.



## Turin - 20-21 ta' Settembru

Fuq talba tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), aħna tajna ħarsa lejn studji tal-każijiet relatati mal-protezzjoni tad-data ma' firxa wiesħha ta' kollegi, inklusi parteċipanti mill-ETF, mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel (EFSA), miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u mill-Istitut Universitarju Ewropew (EUI).



## Frankfurt - 12 ta' Novembru

F'noxs Novembru, morna l-Ġermanja biex inwasslu avveniment ta' taħriġ dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-data tas-superviżjoni bankarja f'kooperazzjoni mal-Ufficijal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), is-settur privat (Investimenti tal-Unjoni) għall-persunal tal-BĊE, u l-persunal tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol (EIOPA) fi Frankfurt.



## Brussell - 21 ta' Novembru

Fil-21 ta' Novembru, il-KEPD ta preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili fid-DG MOVE.



## Brussell - 3 ta' Diċembru

Il-KEPD temm is-sessjonijiet ta' taħriġ tas-sena fl-istess post fejn beda, f'daru fi Brussell. Aħna pprovdnejha taħriġ id-DG COMM u lil rappreżentanxi oħra tal-Kummissjoni Ewropea dwar kif ir-Regolament il-ġdid se jaffettwa l-avvenimenti tagħhom.



Aħna nkomplu nżommu relazzjoni b'saħħitha mal-Uffijjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) tal-Europol u l-Unità tal-Funzjoni tal-Protezzjoni (DPF) tad-Data, li tippermettielna niżguraw li aħna kapaċi nantiċipaw kwalunkwe problema possibbli u nippjanaw attivitajiet futuri. Aħna wettaqna t-tieni spezzjoni tagħna tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data fl-aġenzija f'Mejju 2018 u komplejna nagħtu parir u nieħdu ħsieb l-ilmenti fejn kien meħtieġ.

Is-sigurtà tal-fruntieri tal-UE tibqa' suġġett jaħraq u l-leġiżlatur tal-UE ressaq diversi proposti ġodda fl-2018 bl-għan li tiżidied is-sigurtà u tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri. Filwaqt li aħna nirrikonox Xu l-ħtieġa għal sigurtà akbar fl-UE, din m'għandhiex tkun ta' detriment għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza.



@EU\_EDPS

#EDPS calls for wider debate on the future of information sharing in the #EU. Read the EDPS opinion on the #interoperability between the EU large-scale information systems <http://europa.eu/Rv88rR> and the press release <http://europa.eu/uW44UM>

L-iffaċilitar ta' tfassil ta' politika b'mod responsabbi u infurmat huwa punt ieħor ta' azzjoni meħtieġ sabiex jinfetaħ kapitolu ġdid fil-protezzjoni tad-data tal-UE. B'dan f'moħħna, ħriġna diversi Opinjonijiet dwar il-politika proposta dwar il-fruntieri tal-UE fl-2018. Waħda minn dawn kienet tiffoka fuq il-futur tal-kondiżjoni tal-informazzjoni fl-UE, u kienet tindirizza Proposti għal żewġ Regolamenti li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi tal-informazzjoni tal-UE fuq skala kbira. Minħabba li l-implikazzjonijiet ta' din il-Proposta għall-protezzjoni tad-data u drittijiet u libertajiet fundamentali oħrajn huma inċerti, aħna se nniedu dibattitu dwar din il-kwistjoni kmieni fl-2019 sabiex niżguraw li dawn jiġu esplorati fid-dettall.

Aħna komplejna wkoll il-kooperazzjoni mill-qrib tagħna mad-DPAs sabiex niżguraw superviżjoni effettiva u koordinata tad-databases tal-IT fuq skala kbira

tal-UE, li jintużaw biex jappoġġaw il-politiki tal-UE dwar l-asil, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-migrazzjoni.

## Niżviluppaw sħubijiet

Madankollu, l-iffaċilitar ta' tfassil ta' politika responsabbi u infurmat muhiwiex limitat għall-qasam tas-sigurtà u tal-politika tal-fruntieri. Fl-2018, il-KEPD ħareġ 11-il Opinjoni, inkluż tnejn fuq talba mill-Kunsill, dwar materji li jvarjaw mill-ġurisdizzjoni f'materji matrimonjali għall-interoperabbiltà ta' sistemi tal-informazzjoni fuq skala kbira tal-UE.

Aħna ħriġna wkoll 14-il sett ta' kummenti formali. Dawn huma ekwivalenti għall-Opinjonijiet, iżda normalment ikunu iqsar u aktar tekniċi. Uħud mill-kummenti tagħna ntalbu espressament mill-Parlament Ewropew, jew minn wieħed mill-Kumitat tiegħu, u kienu jikkonċeraw mhux il-proposti leġiżlattivi inizjali, iżda l-abbozzi tal-emendi u l-eżi tan-negożjati bejn il-koleġiżlaturi.

Filwaqt li jitqies li aħna indirizzajna 'I fuq minn 30 konsultazzjoni informali dwar abbozzi ta' proposti mill-Kummissjoni, dawn in-numru juru biċ-ċar iż-żieda fil-bżonn, u r-rilevanza għal, parir espert indipendenti dwar l-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data tal-inizjattivi tal-UE, kif ukoll l-interess dejjem jikber mill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tal-UE. Aħna ħeqana li nkomplu din il-kooperazzjoni ta' beneficiċju reċiproku fis-snin li ġejjin fil-kuntest ta' setgħat ta' konsultazzjoni leġiżlattivi msaħħha skont ir-Regolament 2018/1725 il-ġdid.

Aħna komplejna wkoll bl-isforzi tagħna biex niżguraw li l-attivitajiet fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE jitwettqu skont il-liġijiet tal-protezzjoni tad-data rilevanti, mal-ħruġ ta' Opinjonijiet ta' verifika minn qabel, mal-investigazzjoni tal-ilmenti u l-monitoraġġ tal-konformità permezz tal-ġħodod varji disponibbli għalina.

L-Istrateġja timpenja lill-KEPD fl-iffurmar ta' sħubijiet għal konverġenza akbar tal-protezzjoni tad-data fuq livelli globali. Filwaqt li d-data tiċċirkola internazzjonālment, bejn il-fruntieri, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jiġu deċiżi fuq bażi li fil-biċċa l-kbira tagħha tkun nazzjonali u reġjonali.

B'dan f'moħħna, aħna nkomplu naħdmu mas-sħab reġjonali u internazzjonali tagħna sabiex nintegraw il-protezzjoni tad-data fil-ftehimiet internazzjonali u sabiex niżguraw protezzjoni konsistenti tad-data personali mad-dinja kollha.



@EU\_EDPS

Glad **#EDPS** has strongly contributed to a balanced **@EU\_EDPB** opinion of paramount importance on the first **#GDPR** adequacy finding: Not a red light, but improvements are recommended to achieve a robust **#EU & #Japan #dataprotection** deal

Aħna involuti wkoll fid-diskussjonijiet dwar sejbiet ta' adegwatezza. Dawn il-ftehimiet isiru mill-Kummissjoni Ewropea f'isem I-Istati Membri tal-UE, u jipprevedu t-trasferiment tad-data minn pajjiżi tal-UE għal pajjiżi mhux tal-UE li r-regoli tal-protezzjoni tad-data tagħhom huma meqjusa li jipprovdu protezzjoni adegwata. Fl-2018, b'mod speċifiku, ikkontribwixxejneja għat-tieni rieżami konġunt tat-Tarka tal-Privatezza bejn I-UE u I-Istati Uniti tal-Amerika u għall-Opinjoni tal-EDPB dwar ftehim ta' adegwatezza propost mal-Ğappu.

## L-Etika Diġitali u I-Konferenza Internazzjonali

Fl-2015, nedejna l-Inizjattiva dwar l-Etika tal-KEPS, bħala parti mill-impenn tagħna li niffurmaw sħubijiet globali. Aħna xtaqna niġġeneraw diskussjoni globali dwar kif id-drittijiet u l-valuri fundamentali tagħna jistgħu jiġu ppreservati fl-era diġitali.

Għaddew tliet snin u l-etika diġitali hija preżenti ħafna fl-aġenda internazzjonali.

Aħna bdejna l-2018 bil-pubblikazzjoni tar-**Rapport tal-Grupp ta' Konsulenza dwar l-Etika**. Ir-Rapport huwa għoddha utli li jgħinna nifħmu kif ir-rivoluzzjoni diġitali biddlet il-mod li bih aħna ngħixu ħajnejha, kemm bħala individwi kif ukoll bħala soċjetà. Dan jelenka wkoll il-bidliet u l-isfidi li dan jimplika għall-protezzjoni tad-data. Minn hawn, stajna nespandu l-investigazzjoni tagħna sabiex niħqu udjenza ferm akbar, permezz ta' konsultazzjoni pubblika mnedja fil-bidu tas-sajf tal-2018. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni żvelaw l-importanza tal-etika, l-iżvilupp u appellaw lid-DPAs biex ikollhom rwol proaktiv f'dan.

Madankollu, kienet il-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Privatezza, li Giovanni Buttarelli I-KEPD laqqam il-Logħob Olimpiku

*tal-Protezzjoni tad-Data*, li tabilħaqq nediet id-diskussjoni dwar l-etika diġitali fl-aġenda internazzjonali.



@EU\_EDPS

**#EDPS @Buttarelli\_G** opens the 2018 Olympic Games on **#Privacy** - "Choose humanity: putting the dignity back into digital". The 40th International Conference will explore the human dimension of new technologies. **#DebatingEthics @icdppc2018**

Is-sessjoni pubblika tal-Konferenza Internazzjonali kienet tiffoka fuq *Debating Ethics: Dignity and Respect in Data Driven Life*. B'attendenza ta' aktar minn 1 000 persuna minn varjetà ta' sfondi, nazzjonalitajiet u professjonijiet differenti, kelliema ta' profil għoli u kopertura konsiderevoli mill-midja, l-avveniment serva biex iżid id-dibattitu dwar il-kwistjoni u jqiegħed kwistjonijiet etiċi u legali ġoddha fuq quddiem fl-aġenda tad-DPAs u oħrajn fid-din ja kollha. Il-KEPD issa jidher bħala mexxej f'dan il-qasam u se jaħdem bis-sħiħ biex javvanza d-dibattitu.

## Amministrazzjoni interna

Bit-tkabbir fir-rwol u fir-responsabbiltajiet tagħna, amministrazzjoni interna tajba saret importanti aktar minn qatt qabel sabiex jiġi żgurat li nkunu kapaċi nilħqu l-għanijiet tagħna.

Fl-2018, l-Unità tar-Riżorsi Umani, tal-Baġit u tal-Amministrazzjoni (HRBA) tal-KEPD indirizzat żewġ kompeti preparatorji partikolarmen kbar. Il-ħidma fuq il-preparazzjonijiet għas-segretarjat il-ġdid tal-EDPB intensifikat b'mod sinifikanti sabiex tiżgura li l-Bord kien amministrativament u loġistikament ippreparat biex fil-25 ta' Mejju 2018 jibda l-ħidma tiegħu. Fost affarijiet oħra, dan kien jinvolvi li jiġi żgurat li l-membri kollha tal-personal tal-EDPB ikunu soġġetti għall-istess regoli bħal dawk li jaħdmu għall-KEPD u li jkunu kapaċi jibbenefikaw mill-istess drittijiet.

Qabel ir-Regolament tal-protezzjoni tad-data l-ġdid għall-istuzzjonijiet tal-UE, ridna niżguraw ukoll li d-deċiżjonijiet tal-HR tal-KEPD ikunu jikkonformaw

mar-regoli l-ġodda. Għalhekk analizzajna b'mod sħiħ l-attivitajiet tal-ipproċċesar tad-data kollha tal-HR tal-KEPD u rrevedejna l-approċċ tagħna kif meħtieġ.

Barra minn numru ta' attivitajiet immirati li jtejbu l-politiki tal-HR tagħna, nedejna kompetizzjoni miftuħa ġidha sabiex noħolqu ġabrab ta' esperti tal-protezzjoni tad-data kkwalifikati ħafna sabiex nissodis faw il-bżonnijiet tar-reklutagħ futuri tagħna. Hekk kif nersqu lejn l-2019, l-għan ewlieni tagħna huwa li niżguraw ambjent tax-xogħol effiċċenti u pjaċevoli għal dawk kollha li jaħdmu fil-KEPD.

## Nikkomunikaw id-data personali

L-importanza tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-KEPD żdiedet b'mod konsiderevoli matul l-aħħar snin. Il-komunikazzjoni effettiva hija essenzjali biex niżguraw li aħna kapaċi nilħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija tagħna. Jekk il-ħidma tagħna ma tkunx viżibbli, ma jistax ikollha l-impatt meħtieġ.

Barra milli kkonsolidajna l-isforzi tagħna biex intejbu u nkabbru l-impatt tal-preżenza tagħna online, nedejna u wettaqna żewġ kampanji ta' komunikazzjoni. L-isforzi ta' komunikazzjoni tagħna għall-Konferenza Internazzjonali tal-2018 mhux biss għenu sabiex jiġi żgurat li l-konferenza nnifisha tkun ta' suċċess, iżda għenu biex id-dibattit dwar l-etika digħiżi jilħaq l-usa' udjenza possibbi.



@EU\_EDPS

The key word of #GDPRforEUI is **#accountability**. It means that personal data protection should be embedded in culture of organizations. Comply with **#dataprotection** law & demonstrate your compliance! Read our factsheet <https://europa.eu/!PY43hU> & watch video <https://europa.eu/!MM88bY>

tqajjim ta' sensibilizzazzjoni. Din kienet immirata mhux biss lejn il-membri tal-personal tal-UE, iżda wkoll biex tiżgura li n-nies barra mill-istituzzjonijiet tal-UE jkunu konxji mir-regoli l-ġodda u kif dawn jistgħu jaffettwawhom.

Bil-preżenza u bl-influwenza globali tal-KEPD mistennija li jiżdiedu, aħna nantiċipaw sena oħra mimlija attivitā fl-2019.

## Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2018

Aħna nużaw għadd ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) sabiex jgħinuna nimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħna. Dan jiżgura li aħna nkunu kapaċi naġġustaw l-attivitajiet tagħna, jekk meħtieġ, biex inżidu l-impatt tal-ħidma tagħna u l-effiċċjenza tal-użu tar-riżorsi tagħna. Dawn il-KPIs jirriflettu l-objettivi strateġiċi u l-pjan ta' azzjoni definiti fl-Istrateġija tagħna 2015-2019.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI ta' hawn taħt fiha deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI u tar-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2018. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn ir-riżultati jitkej lu mal-miri inizjali.

Fl-2018, aħna l-ħaqna jew issuperajna, f'xi każijiet b'mod sinifikanti, il-miri stabbiliti fil-maġġoranza tal-KPIs tagħna. Dan juri li l-implementazzjoni tal-objettivi strateġiċi rilevanti tinsab fit-triq it-tajba u li ma hemm bżonn tal-ebda miżura korrettiva.

F'żewġ każijiet ma għandniex riżultati ta' monitoraġġ. Fil-każ tal-KPI 6, matul l-2018, għażiela li nimmonitorjaw u nagħtu priorità lill-attivitajiet ta' politika tagħna fir-rigward tal-azzjonijiet ta' priorità rilevanti deskritti fl-Istrateġija tagħna, minflok ma nippublikaw lista ta' prioritajiet. Aħna ħadna din id-deċiżjoni minħabba li ħassejna li kien mod aktar effiċċenti kif niżguraw li nilħqu l-miri stabbiliti fl-Istrateġija tal-KEPD.

Fil-każ tal-KPI 7, bħalissa għadna m'aħniex kapaċi nkejju b'mod preċiż in-numru ta' viżitaturi fuq is-sit web tal-KEPD, minħabba bidla fil-politika tal-cookies u tal-intraċċar fuq is-sit web tagħna. Din il-bidla hija mmirata biex tiżgura li l-utenti tas-sit web tagħna jkunu kapaċi *jipparteċċipaw* konxjament biex l-attività online tagħhom tiġi intraċċata fuq is-sit web tal-KEPD. Għalhekk dan se tiżgura li d-data fuq is-sit web tkun protetta kemm jista' jkun. Għal din ir-raġuni, ir-riżultati għall-KPI 7 mhumiex kompluti.

Il-mira għall-KPI 4 tiġi aġġustata mill-ġdid kull sena, skont iċ-ċiklu leġiżlattiv.

F'Diċembru 2018, iffukajna fuq ir-Regolament dwar il-protezzjoni tad-data l-ġdid għall-istituzzjonijiet tal-UE. Il-kampanja ta' komunikazzjoni tagħna kienet imfassla biex tikkumplimenta u tirrinforza attivitajiet kontinwi ta'

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		RIŻULTATI SAL-31.12.2018	MIRA 2018
<b>Objettiv Nru 1 - Il-Protezzjoni tad-Data taqleb diġitali</b>			
KPI 1 Indikatur intern	Numru ta' inizjattivi li jippromwovu tehnoloġiji biex itejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad-data organizzati jew koorganizzati mill-KEPD.	9	9 inizjattivi
KPI 2 Indikatur Intern u Estern	Numru ta' attivitajiet iffokati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interna u esterna)	8	8 attivitajiet
<b>Objettiv Nru 2 - Iffurmarr ta' sħubijiet globali</b>			
KPI 3 Indikatur Intern	Numru ta' każijiet indirizzati f'livell internazzjonal (KEPD, CoE, OECD, GPEN, Konferenzi Internazzjonal) li għalihom il-KEPD ippovda kontribut sostanzjali bil-miktub	31	10 każijiet
<b>Objettiv Nru 3 - Il-bidu ta' kapitolu ġdid għall-Protezzjoni tad-Data tal-UE</b>			
KPI 4 Indikatur Estern	Livell ta' interess tal-partijiet ikkonċernati (COM, PE, Kunsill, DPAs, eċċ)	15	10 konsultazzjonijiet
KPI 5 Indikatur Estern	Livell ta' sodisfazzjon tad-DPO/DPC/tal-kontrolluri dwar il-kooperazzjoni mal-KEPD u l-gwida, inkluża s-sodisfazzjon tas-suġġetti tad-data rigward it-taħriġ	95%	70%
KPI 6 Indikatur Intern	Rata ta' implementazzjoni ta' każijiet fil-lista ta' priorità tal-KEPD (regolarmen aġġornata) fil-forma ta' kummenti informali u opinjonijiet formali	M/A	M/A
<b>Instigaturi - Komunikazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi</b>			
KPI 7 kompost Indikatur Estern	Numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-KEPD  Numru ta' segwaċi fuq il-kont ta' Twitter tal-KEPD	M/A  14 000	<ul style="list-style-type: none"> <li>Ilħaq 195 715-il żjara (riżultati tal-2015)</li> <li>9 407 segwaċi (riżultati tal-2017) + 10%</li> </ul>
KPI 8 Indikatur Intern	Il-livell ta' sodisfazzjon tal-Persunal	75%	75%
KPI 9 Indikatur Intern	Implimentazzjoni tal-baġit	93.8%	90%

# Objettivi Ewlenin għall-2019

Dawn li ġejjin huma l-objettivi li ntgħażlu għall-2019 fi ħdan l-**Istrateġija ġenerali għall-2015-2019**. Aħna ser nirraportaw dwar ir-riżultati fir-Rapport Annwali 2019.

## Niżguraw l-applikazzjoni korretta tar-Regolament 2018/1725

**Ir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-data** għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE saru applikabbi bis-sħiħ fil-11 ta' Diċembru 2018. Fl-2019, se nkomplu l-kampanja tagħna biex niżguraw li kemm dawk li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll dawk li ma jaħdmux fl-istituzzjonijiet tal-UE jkunu kapaċi jiżviluppaw fehim aħjar tar-rekwiżiti tar-Regolament il-ġdid u sensibilizzazzjoni akbar tar-riskji assoċjati mal-ipproċessar tad-data personali.

Fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, se nkomplu l-iffokar tagħna li nħeġġu l-iżvilupp ta' kultura ta' **responsabbiltà**. Dan jinvolvi li nipprovdu lill-**Ufficijali tal-Protezzjoni tad-Data** (DPO), lill-maniġment u lill-membri tal-persunal tal-UE l-għarfien u l-għodod lil hinn minn sempliċiment konformità, sabiex jiġi żgurat li huma wkoll ikunu kapaċi juru din il-konformità.

## Bażi legali ġdida għall-attivitajiet ta' politika u ta' konsultazzjoni

Ir-Regolament 2018/1725 isaħħaħ ir-rwl tal-KEPD fl-attivitajiet ta' politika u ta' konsultazzjoni tagħna. Il-Kummissjoni Ewropea issa hija mitluba b'mod espliċitu biex f'każżiġiet speċifiċi tikkonsulta lill-KEPD u aħna rridu nippordulhom pariri fi żmien tmien ġimgħat minn mindu nkunu rċivejna t-talba tagħhom. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida tippermetti wkoll il-possibbiltà tal-ħruġ ta' opinjonijiet konġunti mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB).

Fl-2019, se naħħdu mal-Kummissjoni u mal-EDPB sabiex niżguraw li jiġu stabbiliti proċeduri xierqa biex jappoġġaw lil dawn id-dispożizzjonijiet ġodda u aħna sejrin nirrieżaminaw u naġġornaw ir-regoli interni tagħna u dokumenti ta' għidha rilevanti oħra. Aħna se nibqgħu wkoll għad-diskurċi tal-KEPD u l-Regolament 2018/1725, se nipprovdu pariri formal iż-żebbu kwalunkwe punt fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

## Niżżov fuq għidha dwar in-neċċessità u l-proporzjonalità

Fl-2019, se nlestu l-ħidma tagħna dwar għoti ta' metodoloġija li għandu jsegwi l-leġislatur tal-UE meta jivvaluta n-neċċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri leġiżlattivi b'impatt fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. B'mod speċifiku, ser niżviluppaw Linji gwida dwar il-proporzjonalità, biex b'hekk inlestu l-ħidma li bdejna bil-pubblikazzjoni tas-**Sett ta' Għodod tan-Neċċessità** tagħna f'April 2017. B'dan, qed nimmiraw li nipprovdu qafas lill-istituzzjonijiet tal-UE li jgħinhom jieħdu approċċ proattiv biex jimplimentaw is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data fil-politika tal-UE.

## Niċċabilitaw dibattitu usa' dwar l-interoperabbiltà

Fl-**Opinjoni** tagħna tal-2018 dwar l-interoperabbiltà bejn is-**sistemi tal-IT fuq skala kbira** tal-UE appellajna għal dibattitu usa' dwar il-futur ta' dawn is-sistemi, dwar il-governanza tagħhom u dwar kif nissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali f'dan il-qasam. Dan id-dibattitu se nneduh fl-2019, b'panil ta' livell għoli dwar is-suġġett fil-Konferenza annwali dwar il-Komputers, il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data (CPDP), li se ssir fi Brussell mit-30 ta' Jannar sal-1 ta' Frar 2019.

Ir-Regolament 2018/1725 il-ġdid jipprevedi li mudell uniku ta' superviżjoni kkoordinata għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE u l-korpi, l-uffiċċi u l-aġenċiji tal-UE, jitwettaq mill-KEPD u mill-awtoritatijiet superviżorji nazzjonali. Flimkien mas-sħab tagħna fid-DPAs nazzjonali, se nirriflettu fuq il-futur ta' superviżjoni koordinata matul l-2019.

## Is-sikurezza tal-informazzjoni

Ir-Regolament il-ġdid għall-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet tal-UE jintroduċi kunċetti ġodda li jenfasizzaw l-importanza tas-sigurtà tal-informazzjoni. Dawn jinkludu notifikasi obbligatorji ta' ksur ta' data u l-użu ta' psewdonimizzazzjoni bħala miżura ta' sigurtà rikonoxxuta.

Sabiex nagħmlu tajjeb għal dan, ser ikun hemm bżonn li nżidu l-kapaċità u l-kompetenza tagħha biex nissorveljaw u nevalwaw il-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE biex tintlaħaq il-konformità. Irridu wkoll inkunu kapaċi nirreaġixxu malajr għan-notifikasi ta' ksur tad-data u inċidenti oħrajn tas-sigurtà, biex niżguraw li kwalunkwe effett negattiv fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwi jkun limitat. Se nkomplu nwettqu spezzjonijiet iffukati fuq aspetti teknoloġiċi, b'mod partikolari dawk relatati mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u fil-qasam tas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi.

## Ġestjoni tat-tranżizzjoni għas-superviżjoni tal-Eurojust

Bir-rwol superviżorju tagħna fl-Europol issa stabbilit sew, fl-2019, il-KEPD ser iwettaq il-kompli li jissorvelja l-ipproċċessar tad-data personali f'aġenzija oħra tal-UE li taħdem fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni: Eurojust.

Fis-6 ta' Novembru 2018 ġie adottat qafas legali ġdid għall-Eurojust, li jinkludi regoli ġodda dwar il-protezzjoni tad-data speċifiċi għall-attivitajiet tal-aġenzija. Dan jipprevedi rwol superviżorju li ġħandu jitwettaq mill-KEPD. Sabiex nipparaw għar-rwol ġdid tagħna, il-persunal tal-KEPD se jorganizza sessionijiet ta' taħbi interni u esterni relatati mas-superviżjoni tal-Eurojust, kollha mmirati biex jiżguraw li aħna lesti nassumu r-rwol il-ġdid tagħna fl-aħħar tal-2019.

## **Implementazzjoni tal-protezzjoni tad-data b'mod imfassal u b'mod awtomatiku fl-istituzzjonijiet tal-UE**

Taħt ir-regoli l-ġodda tal-protezzjoni tad-data, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom l-obbligu li jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data b'mod imfassal u b'mod awtomatiku meta jiżviluppaw u joperaw sistemi tal-ipproċessar tad-data. Għalhekk ser inżidu l-isforzi tagħna biex nidentifikaw u nippromwovu soluzzjonijiet teknoloġiċi prattiċi fl-2019. Dan se jinvolti monitoraġġ regolari tal-iżviluppi tal-ICT sabiex jiprovoġi gwida u taħriġ dwar l-implimentazzjoni teknika tal-protezzjoni tad-data.

# Gwida dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-data

Fl-2018, īriġna Linji gwida dwar il-protezzjoni tad-data personali fil-**governanza** u fil-**ġestjoni tal-IT**, fil-**cloud computing** u f'notifikasi dwar il-ksur tad-data. Fl-2019, ser noħorġu gwida aġġornata bl-ġħan li ntejbu

r-responsabbiltà fl-IT, u nippovdu parir ta' politika dwar teknoloġiji u metodoloġiji speċifiċi, b'attenzjoni speċjali dwar is-sigurtà.

Sabiex niżguraw il-konsistenza mal-pariri u mal-prattika ta' awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data (DPA) oħra, se nseguu l-gwida tal-EDPB dwar dawn is-suġġetti u sejrin nikkontribwixxu għall-ħidma tagħhom dwar il-gwida armonizzata.

Se nkomplu wkoll nikkooperaw mas-sħab internazzjonal tagħna dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-data, inklużi l-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Protezzjoni tad-Data u l-Privatezza (ICDPPC) u l-Gruppi ta' Ħidma tagħha u l-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Data u t-Telekomunikazzjonijiet (IWGDP, magħruf bħala l-Grupp ta' Berlin).

Permezz tat-twettiq ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet, aħna se nkomplu bl-isforzi tagħna biex nevalwaw il-konformità mal-protezzjoni tad-data fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Fejn possibbli, nagħmlu ħilitna biex inwettquhom b'mod remot, mil-laboratorju tal-KEPD.

## Appoġġ għan-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN)

Bħala netwerk ta' esperti dwar it-teknoloġija u l-privatezza mid-DPAs, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili, **IPEN** se jkollu rwol importanti fit-trasformazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data f'rekwiżiti tal-inġinerija. Aħna se nappoġġaw lin-netwerk fl-intensifikazzjoni tal-isforzi tiegħu fil-promozzjoni ta' teknoloġija favorevoli għall-privatezza u tekniki tal-inġinerija sensibbli għall-privatezza. Aħna sejrin nikkonċentraw l-isforzi tagħna b'mod partikolari fuq it-trasformazzjoni tal-prinċipju tal-privatezza b'mod imfassal f'rekwiżiti tal-inġinerija u fuq l-iffaċilitar tal-iskambju bejn l-inġiniera u l-experti dwar il-privatezza dwar soluzzjonijiet tekniċi għal kwistjonijiet ta' privatezza, permezz ta' sessionijiet ta' ħidma u prezantazzjoniċċi f'avvenimenti pubbliċi.

L-obbligu legali l-ġdid li jiġi applikat il-prinċipju tal-protezzjoni tad-data b'mod imfassal u b'mod awtomatiku fit-tfassil u t-tħaddim fis-sistema tal-IT użat għall-iproċessar ta' data personali żied l-importanza tax-xogħol f'dan il-qasam, b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-iżvilupp tiegħu bħala punt ta' referenza għall-aktivitajiet ta' sorveljanza u infurzar.

## Kooperazzjoni kontinwa mal-UE u s-sħab internazzjonali

Bil-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE issa applikata b'mod sħiħ, il-kooperazzjoni mas-sħab tagħna għall-protezzjoni tad-data ġewwa u barra I-UE hija aktar importanti minn qatt qabel. Il-kooperazzjoni mad-DPAs tal-Istat Membru ser tkompli fuq ħafna livelli u b'mod partikolari fi ħdan I-EDPB, fejn l-attenzjoni tagħna ser tkun fuq l-involvement attiv kontinwu max-xogħol tas-sottogrupp tad-Dispożizzjonijiet Ewlenin u bħala membru tat-tim tal-abbozzar inkarigat li jelabora emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB.

Bit-tkomplija tal-ħidma tagħna ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, aħna ser norganizzaw sessjoni ta' ħidma f'nofs I-2019, li ser iseħħi f'Pariġi. L-isforzi tagħna biex nippromwovu djalogu fuq livell internazzjonali mal-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi oħrajn minn barra I-UE ser jibqgħu wkoll priorità.

## Żamma tal-momentum għall-Inizjattiva tal-Etika

Wara s-suċċess tal-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Privatezza

**tal-2018**, I-isfida tagħna issa hija li niżguraw li dan il-momentum jinżamm. F'avveniment li ser isir fil-bidu tal-2019, bħala parti mill-Konferenza tal-Kompjuters, il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data (CPDP), sejri inniedu bosta attivitajiet ġoddha mmirati biex nagħmlu dan. Dawn ser jinkludu:

- serje ta' konverżazzjonijiet pubbliċi fil-format ta' telefonati tal-konferenzi, diskussionijiet web-streamed jew podcasts ma' esperti minn diversi oqsma, inklużi DPAs;
- bosta opinjonijiet minn mexxejja tal-ħsieb dwar is-suġġett tal-etika digiṭali, li ser jittellgħu online;
- Opinjoni ġdida tal-KEPD dwar I-Etika, li tibni fuq **I-Opinjoni tal-2015** tagħna u r-Rapport tal-Grupp ta' Konsulenza dwar I-Etika.
- avveniment sekondarju dwar I-etika li ser iseħħi waqt il-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Protezzjoni tad-Data u l-Privatezza tal-2019.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet, nisperaw li nagħmlu progress kontinwu lejn l-ilħuq ta' kunsens internazzjonali dwar I-etika digiṭali.



## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar I-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar I-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jipponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## Kif issib tagħrif dwar I-UE

### Onlajn

L-informazzjoni dwar I-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżeż mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'i hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovd aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżeż mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.



L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea